MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 83/7

It-Tnejn 24 ta' April 2017

Il-Kunsilli Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Romeo Baldacchino – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
Sarah Camilleri – Ambaxxatriċi

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Demelsa Grech – Kunsillier

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

83.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

83.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (82/7 [20/03/17]);

83.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

83.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

83.5 Rapporti;

83.6 Skema 2 – Manutenzjoni tal-komun tal-binjiet tal-Gvern – Tal-Mitħna;

83.7 Riġenerazzjoni ta’ Ġnien Raymond Caruana - progress;

83.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;

83.9 Affarijiet oħra;

83.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---------------------------------------------------------

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.10pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 83.1.0 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

83.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittra ta’ apoloġija tas-Sa. Grech u l-membri preżenti unanimament aċċettaw din l-apoloġija.

## 83.2.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (82/7 [20/03/17])

83.2.1 Dawn il-minuti li ġew iċċirkulati għand il-kunsilliera kollha qabel il-laqgħa u kien hemm qbil li jiġu meħuda bħala moqrija. Kien hemm qbil unanimu li dawn il-minuti jiġu approvati nem con.

## 83.3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku

83.3.1 Devoluzzjoni u żvilupp ta’ biċċa art fil-bidu ta’ Vjal it-Torri, il-Gudja għal bini ta’ ċentru tal-Kunsill. Is-Sindku qal li kif jafu l-Kunsilliera kollha, il-Kunsill ra u stħarreġ diversi postijiet li jkunu possibbli fejn il-Kunsill iwaqqaf il-bini ċentru fejn ikun aċċessibbli sewwa skont il-ħtiġijiet kemm tal-Kunsill kif ukoll ta’ kull min ikollu ħtieġa li jiġi għand il-Kunsill.

F’dan l-istadju il-Kunsillier Caruana stqarr li dwar din it-tema għandha ssir diskussjoni aktar wiesgħa u li tintbagħat korrispondenza lir-residenti u li jkun hemm *feedback* mir-residenti sabiex il-Kunsill ikun f’qagħda li jilħaq il-ħtiġijiet u aspettattivi tar-residenti kollha tal-Gudja.

Sar qbil li dwar dan tiġi msejħa laqgħa b’urġenza sabiex din it-tema tiġi diskussa aktar. Sar qbil unanimu illi din il-laqgħa tiġi msejħa b’urġenza għal nhar il-Ġimgħa 28 ta’ April 2017 fis-6.30pm.

## 83.4.0 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

83.4.1 Dawl fi Ġnien Ġlormu Cassar. Is-Sur Caruana qal li dan il-Ġnien qed ikun mitfi għal bosta ġranet u li l-Kunsill qed jeħel li mhux qed jassigura li dan il-ġnien ikun mixgħul kif meħtieġ.

Is-Sur Caruana qal li din il-problema ilha sejra għal aktar minn sena u dan qed jagħmel ħsara għar-reputazzjoni tal-Kunsill. Is-Sur Caruana qal li jekk il-Kunsill qed jaffaċċja sitwazzjoni li jiġi mhedded li dan id-dawl qed jinqata' peress li l-kont intefa fuq il-Kunsill u r-residenti għandhom ukoll jiġu infurmati dwar dan.

Is-Sindku wieġeb u qal li meta l-Kunsill jinnota jew li jiġi infurmat li xi lok ikun mingħajr dawl, il-Kunsill mill-ewwel jinforma lill-kuntrattur sabiex isewwi l-ħsarat u hekk jagħmel meta l-ġnien Ġlormu Cassar ikun bla dawl.

Is-Sindku qal li anke din id-darba l-Kunsill qed jitlob lill-kuntrattur sabiex jara din il-qagħda u jsewwi kif meħtieġ.

Is-Sindku qal li dan il-ġnien la hu devolut u lanqas kien qatt devolut favur il-Kunsill u għalhekk jekk kien hemm minn qaleb l-arloġġ u bagħat il-kont għand il-Kunsill dan għamel hekk bi żball.

Il-Ġnien mhux tal-Kunsill u li l-Kunsill mhu sejjer iħallas xejn. Is-Sur Caruana qal li n-nies qed jaħsbu li dan il-ġnien huwa tal-Kunsill u għalhekk il-Kunsill għandu jinforma dwar dan lir-residenti.

Is-Sur Caruana qal li dan il-ġnien kien ukoll mitfi waqt il-ġranet tal-Milied.

Is-Sindku reġa' tenna li l-Kunsill għandu jinsisti mal-kuntrattur tad-dawl li jara eżattament dwar dak li qed jiġri.

Is-Sindku qal li dak magħruf bħala Ġnien Ġlormu Cassar hija arja miftuħa li mhux devoluta għand il-Kunsill u għalhekk f'sitwazzjoni bħal dan il-konsum ikun mal-i*street lighting* li qatt ma kienet xi responsabiltà tal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-Kunsill dejjem jara li jassigura li jkun hemm dawl fl-inħawi kollha kif ikun meħtieġ.

83.4.2 Finanzi mill-Ewropa dwar toroq fil-kampanja madwar il-Gudja. Is-Sur Sammut staqsa lis-Sindku jekk il-Kunsill kienx qed jara li jikseb fondi minn din is-sejħa. Is-Sindku wieġeb li f'laqgħat preċedenti l-Kunsill għamel lista ta' trejqiet li jistgħu jikkwalifikaw għal dawn il-fondi. Il-Kunsill kien qed jagħmel kuntatt mal-Onor. Ian Borg u Onor. Roderick Galdes kif ukoll mat-TM bil-ħsieb li jikseb aktar tagħrif ta' kif jagħmel applikazzjoni li tkun ta' suċċess u tikseb il-fondi minn dawn l-iskemi ta' fondi Ewropej.

Is-Sindku qal li l-Kunsill sejjer ikun infurmat dwar dak li jkunu qed iseħħ minn żmien għal żmien rigward dawn il-fondi.

83.4.3 Immaniġġjar tat-traffiku fl-inħawi ta' Dawret il-Gudja li jmissu ma' Triq R. Caruana. Is-Sur Sammut staqsa dwar is-sitwazzjoni preżenti. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill għadu qed jistenna r-risposta tat-TM.

83.4.4 Is-Sur Sammut staqsa dwar is-sitwazzjoni preżenti dwar il-manutenzjoni ta' Blokk 1 u Blokk 3 fil-qasam tad-djar f'Tal-Mitħna. Is-Sindku wieġeb li kienet saret laqgħa mar-residenti ta' Blokk 1 u Blokk 3. Inħatru tliet amministraturi u kemm id-

dokumentazzjoni meħtieġa u l-ismijiet tal-amministraturi ntbagħtu liċ-Ċermen tal-Awtorità tad-Djar kif kien meħtieġ. Issa l-Kunsill qed jistenna r-risposta tal-Awtorità tad-Djar sabiex jipproċedi b'dan il-proġett.

83.4.5 Sistema tat-traffiku fil-qasam tad-djar f'Tal-Mitħna. Is-Sur Sammut staqsa dwar is-sitwazzjoni preżenti. Is-Sindku wieġeb u qal li ġew ordnati t-tabelli meħtieġa l sejrin jitwaħħlu fi żmien qasir u li t-traffiku jkun ċċirkulat li jitla' għal Triq l-Awrekarja għal Triq il-Palma. It-traffiku li jidħol biss fil-bidu ta' Triq tal-Mitħna min-naħa ta' Triq Ħal Tarxien u joħroġ min-naħa ta' fuq minn Triq Joseph Gravina għal Triq Ħal Tarxien jew ikompli fi Triq Joseph Gravina li tagħti wkoll għal Ħal Għaxaq.

## 83.5.0 Rapporti

83.5.1 Romeo Baldacchino

a. Ġnien Raymond Caruana. Is-Sur Baldacchino qal illi qed ikun hemm komunikat li juri li l-iżvilupp dwar riġenerazzjoni ta' dan il-Gvern qed ikun hemm progress u li x-xogħol għandu jibda dalwaqt.

83.5.2 Mark Anthony Sammut

a. Korsijiet taż-Zumba u Pilates. Is-Sur Sammut qal li dawn il-korsijiet mixjin tajjeb hekk kif kien ġiet spjegat fil-laqgħa tal-Kunsill preċedenti.

b. Programm għas-sajf. Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill kellu talbiet li dan il-programm inkompli fix-xhur tas-sajf. Postijiet possibbli huma fil-grawnd tal-futbol li fih ma hemmx dell (għalkemm għad fadal madwar 200 siegħa mill-ftehim ta' PPP mal-Gudja FC). Hemm iċ-ċentru tal-Parroċċa. Hemm il-bitħa tal-iskola. Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill sejjer ikompli jesplora l-post l-aktar tajjeb u disponibbli sabiex il-programm sportiv ikompli fix-xhur tas-sajf.

Is-Sur Sammut qal li s-Sibt li għadda l-Kunsill kien għamel użu ta' 3 sigħat għal attività sportiva. Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill fadallu madwar 200 siegħa għad-dispożizzjoni tiegħu.

83.5.3 Stefan Caruana

a. Programm tal-Erba' Staġuni – Kunċert ma' Din l-Art Ħelwa fil-Kappella ta' Bir Miftuħ. Is-Sur Caruana qal li Din l-Art Ħelwa qablet li tkompli tikkordina mal-Kunsill u għalhekk il-kunċert se jsir fit-28 ta' Mejju 2017 u sejjer jittella' bil-kordinazzjoni mal-Kunsill bħala parti mill-programm proġett Erba' Staġuni. Is-Sur Caruana qal li l-Kunsilliera kollha huma mistiedna li jattendu. Is-Sur Caruana qal li ma kienx hemm ħtieġa ta' invit uffiċjali iżda min ikollu ħsieb li jattendi għandu jinforma lill-Kunsill sabiex jiġu riservati l-postijiet għall-Kunsill.

83.5.4 Sara Camilleri

a. Proġett – Ġnien għaż-Żgħażagħ fit-tarf ta' Triq Ħal Resqun. Sa Camilleri qalet li l-Kunsill taż-żgħażagħ iddiskuta u qabel li fl-area tar-rikreazzjoni jiġi stabbilit ġnien għaż-żgħażagħ sabiex f'dan il-lok iż-żgħażagħ jistgħu jiltaqgħu u jorganizzaw attivitajiet ta' kreattivita u divertiment f'atmosfera nadifa u trankwilla. Il-Kunsill

qabel fil-prinċipju dwar dan il-proġett u qabel li joħroġ 15% tal-proġett u li jagħti kull għajnuna kif ikun meħtieġ.

## 83.6.0 Skema 2 – Manutenzjoni tal-komun tal-binjiet tal-Gvern – Tal-Mitħna

83.6.1 Saret il-laqgħa kif intqal aktar 'il quddiem f'dawn l-istess minuti.

## 83.7.0 Riġenerazzjoni ta' Ġnien Raymond Caruana

83.7.1 Qed ikun hemm progress kif irrapporta l-Viċi Sindku aktar 'il quddiem f'dawn l-istess minuti.

## 83.8.0 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

83.8.1 Il-Kunsill approva il-lista ta' pagamenti nru 42/7 hekk kif ippreżentata u pproponuta mis-Sindku John Mary Calleja u ssekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino għall-ammont totali ta' €19,274.44. Din l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mill-kunsilliera kollha preżenti.

## 83.9.0 Affarijiet oħra

83.9.1 Tindif ta' Ġnien il-Qari. Il-Kunsill qabel li jitwaħħlu tabelli sabiex tinżamm l-indafa u li ma jitħalliex ħmieġ f'dawn l-inħawi. Il-Kunsill qabel li jitlob lill-ELC sabiex ikun aktar viġilanti u effettivi dwar it-tindif f'dawn l-inħawi.

83.9.2 Ittra lill-kennies. Il-Kunsill ġibed l-attenzjoni li xi drabi x-xogħol tal-kennies mhux qed isir sewwa u li qed ikun hemm tgergir mir-residenti. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lill-kuntrattur dwar dan sabiex ix-xogħol isir kif hemm fil-kuntratt.

83.9.3 Attendenza tal-kunsilliera għal-laqgħat tal-Kunsill bejn Lulju u Diċembru 2016. Il-Kunsill ġie infurmat (li kif kien maqbul f'diversi laqgħat preċedenti dwar meta l-Kunsilliera jkunu skużati minħabba diversi raġunijiet kif approvati mill-Kunsill) il-Kunsill qed ikompli jipproċedi (kif diġà għamel) sabiex ikompli jkun konformi mal-liġi Kap 363 dwar il-Kunsilli Lokali dwar il-parti tal-liġi li tirrigwarda l-attendenza tal-Kunsilliera.

## 83.10.0 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

83.10.1 Peress li s-suġġetti kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalaq il-laqgħa fis-6.47pm filwaqt li aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tnejn 22 ta' Mejju 2017 fis-6.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum ________________________

| | |
|---|---|
| John Mary Calleja<br>Sindku | Ranier Busuttil<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |